# FTIT BISS!

*Ta' ALFRED DeGABRIELE.*

Min għajjar
u żeblaħ
Ilsienek, ja Malta,
u ċaħad ġrajjietek
ħa jxejnek,
ħa jgħassrek,
fl-imgħoddi
fil-hemm,......
rajt ħafna!

Minn ħarab
mill-ħsara
t'għajnejk bil-mogħdrija,
fil-jiem li kont xtaqtu,
u tħabbeb
ma' l-għadu
u qagħ'd jara
bil-ħrara mill-bogħ'd
il-qirda ta' blietek,
ja Malta, ...
ja Malta,......
rajt ħafna!

Min ċaħad,
bla staħa,
il-bewsa qarrieqa
u libes id-dieqa
biex tħażżem bl-imħabba,
u nfatam mill-bqija
u bata
u ssielet għal ġiehek,
fl-imgħoddi jew issa,
ja Ommi ħanina,......
ftit kienu!